KAPITOLU 273

ATT DWAR L-INKJESTI

Biex jirregola ċerti inkjesti u biex jipprovdi ħwejjeġ oħra dwarhom.

(3 ta' Ġunju, 1977)*

L-ATT XIX tal-1977, kif emendat bl-Atti XIII tal-1983 u V tal-1989; u bl-Avviż Legali 423 tal-2007.

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar l-Inkjesti.

Tifsir. *Emendat: V. 1989.2.*

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Bord" tinkludi kull kummissjoni, kumitat jew korp ieħor ta' persuni u tinkludi wkoll persuna waħda li taġixxi bħala Bord jew awtorità bħal dak;

"inkjesta" tinkludi kull stħarriġ jew eżami ieħor tal-fatti jew ċirkostanzi ta' każ;

"korp imwaqqaf b'liġi" tfisser kull korporazzjoni jew enti morali ieħor imwaqqaf b'liġi u kull soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern ta' Malta jew xi korp kif intqal qabel ikollhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw, jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

3. Dan l-Att għandu japplika għal kull Bord maħtur jew awtorizzat b'xi liġi, jew taħtha, magħdud dan l-Att, biex imexxi inkjesta jew inkjesti dwar xi ħaġa minn dan li ġej:

(*a*) l-imġieba ta' uffiċjali pubbliċi, jew ta' uffiċjali jew impjegati ta' korp imwaqqaf b'liġi, jew ta' kull wieħed jew iżjed minn dawk l-uffiċjali pubbliċi jew uffiċjali jew impjegati;

(*b*) l-imġieba u t-tmexxija ta' kull dipartiment tal-Gvern jew ta' kull korp imwaqqaf b'liġi;

(*ċ*) kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjonijiet jew ir-responsabbiltà ta' xi dipartiment jew korp bħal dawk, jew xort'oħra li għandha x'taqsam ma' jew tolqot servizz tal-Gvern,

u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, dan l-Att għandu japplika għal kull Bord jew awtorità oħra, li teżer`ita s-setgħat ta' dixxiplina dwar uffi`jali pubbli`i skont l-artikolu 110 u l-artikolu 121 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kull regolamenti magħmula bis-saħħa tagħhom.

}atriet ta' Bordijiet skont dan l-Att. *Emendat: V. 1989.3.*

4. (1) Bord jista' jiġi maħtur skont dan l-Att jew mill-Prim Ministru għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-artikolu 3, jew minn Ministru għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-artikolu 3(*b*) u (*ċ*) safejn il-kwistjoni tal-inkjesta tkun tikkonċerna jew

**Ara* n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 293 tat-3 ta' Ġunju, 1977.

tolqot dipartiment jew korp imwaqqaf b'liġi jew servizz li għalih ikun responsabbli jew li dwaru jkollu setgħat skont xi leġislazzjoni.

(2) Meta Bord ikun jikkonsisti fi tliet persuni jew aktar, dan ikun magħmul minn *chairman* flimkien ma' dak in-numru biż-żewġ ta' membri oħrajn li l-persuna li tkun qiegħda taħtar il-Bord tista' tqis li jkun xieraq; u meta n-numru totali tal-membri li jkunu jagħmlu l-Bord ikun ta' aktar minn tlieta, wieħed mill-membri tal-Bord li ma jkunx iċ-*chairman* jinħatar mill-persuna li tkun qiegħda taħtar il-Bord bħala viċi-*chairman* u jippresjedi fil-laqgħat tal-Bord fl-assenza taċ-*chairman*.

(3) Il-*quorum* tal-Bord jintlaħaq biċ-*chairman*, jew fl-assenza taċ-*chairman*, bil-viċi-*chairman*, flimkien ma' dawk il-membri oħrajn li ma jkunux inqas minn nofs in-numru ta' membri minbarra ċ-*chairman*, li jkunu jagħmlu l-Bord.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kull Bord maħtur skont dan l-Att għandu jaqdi dawk il-funzjonijiet u dmirijiet oħra, u b'dak il-mod u f'dak iż-żmien, li jiġu speċifikati fid-dokument li jaħtru.

Ġurament tal-kariga.
Emendat: V. 1989.4.

5. (1) Kull persuna maħtura biex tkun, jew biex isservi bħala, *chairman* jew viċi-*chairman*, skont il-każ, jew membru ta' xi Bord li għalih japplika dan l-Att għandha, qabel ma tieħu dawk id-dmirijiet, tieħu u tiffirma ġurament fil-forma murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att jew f'dik il-forma l-oħra li tkun xierqa fil-każ.

(2) Il-ġurament jista' jittieħed quddiem kummissjonarju li għandu s-setgħa li jagħti ġuramenti u għandu jiġi depożitat għand l-Avukat Ġenerali.

Sejħa tax-xhieda u għoti ta' ġuramenti.
Emendat: V. 1989.5; A.L. 423 tal-2007.

6. (1) Kull Bord li għalih japplika dan l-Att ikollu s-setgħa li tiġi eżerċitata permezz taċ-*chairman* jew tal-viċi-*chairman* tiegħu, skont il-każ jew mill-persuna li tikkostitwixxi l-Bord-

(*a*) li jsejjaħ xhieda;

(*b*) li jagħti l-ġurament lil kull xhud u lil kull persuna li jkollhom x'jaqsmu fl-inkjesta, u li jeħtieġuhom li jixhdu u jipproduċu dokumenti li jkunu fil-pussess tagħhom jew taħt il-kustodja tagħhom f'dawk iċ-ċirkostanzi kif quddiem qorti jkunu meħtieġa li jixhdu jew jipproduċu dokumenti.

(2) Taħrika għall-attendenza tax-xhieda tista' tkun fil-forma murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att jew f'dik il-forma l-oħra li tkun xierqa fil-każ, u għandha tkun iffirmata miċ-*chairman* jew mis-segretarju tal-Bord jew, skont il-każ, mill-persuna li tikkostitwixxi l-Bord.

(3) Taħrika tista' tiġi notifikata jew bl-idejn jew bil-posta. Meta tiġi notifikata bl-idejn ikun biżżejjed biex tiġi ppruvata n-notifika li jiġi ppruvat li t-taħrika tħalliet ma' persuna 'l-fuq mill-età ta' 16-il sena fil-post tar-residenza jew tan-negozju tal-persuna mħarrka; u jekk tiġi notifikata bil-posta jkun biżżejjed biex tiġi ppruvata n-notifika li jiġi ppruvat li t-taħrika kienet indirizzata w impustata tajjeb.

(4) Kull persuna mħarrka kif intqal qabel li tirrifjuta, jew tonqos mingħajr raġuni xierqa, li tattendi fil-post u l-ħin imsemmija fit-taħrika, jew li tirrifjuta, mingħajr raġuni xierqa, li twieġeb jew li twieġeb b'mod sħiħ u sodisfaċenti, skont l-aħjar ħila u twemmin tagħha l-mistoqsijiet kollha li jsirulha mill-Bord jew bi qbil mal-Bord, jew li tirrifjuta jew tonqos, mingħajr raġuni xierqa, li tipproduċi xi dokument li tkun meħtieġa li tipproduċi mill-Bord jew bi qbil mal-Bord, teħel, meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda, bla ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(*b*), ebda persuna li tixhed quddiem Bord ma tista' tkun imġiegħla li tinkrimina lilha nniffsha, u kull persuna bħal dik ikollha, dwar kull xiehda tagħha quddiem il-Bord, l-istess privileġġi li għandu xhud li jixhed quddiem il-qorti.

(5) Ma jinbdew ebda proċedimenti dwar xi reat kontra dan l-artikolu mingħajr il-qbil-tal-Avukat Ġenerali.

Riserva.

7. Minkejja t-tħassir tal-Att tal-1948 dwar il-Kumitati ta' Inkjesti* u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, kull setgħa eżerċitata u kull ġurament meħud taħt l-imsemmi Att tal-1948, għandhom jibqgħu jseħħu daqslikieku kienu setgħa eżerċitata taħt, jew setgħa mogħtija minn, dan l-Att, skont il-każ, jew ġurament meħud taħt u għall-finijiet ta' dan l-Att.

Kap. 249.

SKEDA

Emendata: V. 1989.6.

(ARTIKOLI 5 U 6)

A. Forma ta' ġurament li jittieħed minn *chairman*, viċi-*chairman* jew membru ta' Bord

Jiena . . . . . li ġejt maħtur *Chairman*/Viċi *Chairman*/membru ta' . . . . . naħlef/niddikjara solennement li jiena bil-fedeltà kollha u imparzjalment, u mill-aħjar li nista' naqdi d-dmir u x-xogħol li jmissni bis-saħħa tal-imsemmija ħatra.

Hekk Alla jgħini.

B. Taħrika ta' Xhud

(Att dwar l-Inkjesti)

Lil A.B. (isem il-persuna mħarrka u fejn toqgħod)

Inti hawnhekk tinsab imħarrek biex tidher quddiem . . . . . fi . . . . . (post) fi . . . . . (data u ħin) u

*Imħassar bis-subartikolu (1) tal-artikolu 7 ta' dan l-Att kif oriġinarjament promulgat liema subartikolu ġie mħolli barra taħt l-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji.

li tixhed dwar . . . . . (il-kwistjoni tal-inkjesta).

Iffirmat minni llum . . . . . ta' . . . . . 20 . . . . . .

. . . . . .

(Firma taċ-*Chairman*, Viċi-*Chairman* jew membru ieħor)

_____